MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 565/2001/1

**Richard u Marthese konjugi Fenech**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-Korporazzjoni konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rappresentanti pagament li l-atturi ghamlu lill-konvenuti fis-27 ta' Frar 2001, liema hlasijiet intalbu mill-konvenuti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datat 28 ta' Marzu 2001, u tal-protest gudizzjarju ntavolat mill-atturi, u b'hekk l-korporazzoni konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Korporazzjoni konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif se jigi pruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-abili difensur tal-atturi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-fatti in esami, <u>l-attur</u> (fol 12 et seq ibid) xehed illi hu jiddetjeni ‘garage’ uzat ghall-iskop ta’ “panel beating” u provvist b’”meter” tal-elettriku. F’gurnata aktarx li kienet nhar ta’ Tnejn, kienu gew ghandu fl-istess “garage” tnejn minn nies u nformawh li kienu ser jibdlu l-istess “meter” minhabba hsarat li hu stess kien irraporta u li hemm gew riparati temporanjament. Pero wara li dawn kienu ezaminaw l-apparat in kwistjoni hu gie informat li “.. ghandek it-‘trouble’“ fis-sens li “… xi hadd kien baghbas il-‘meter’”. Inoltre l-istess nies informawh “… li jiena kelli nhallas, minhabba hekk Lm65 u imbaghad Lm100” u li kienet ser issir inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa. Pero il-Pulizija kienu informawh illi din l-inkjesta ma kienetx ser issir. Bhala konsegwenza ta’ dan kollhu l-istess attur kien gie informat, telefonikament, minn Tarcisio Mifsud, impjegat mal-istess Korporazzjoni (bhala kontrollur finanzjarju), li dan kien qed “… jirrifjuta illi jaghtini d-dawl” u ghalhekk il-provvista ta’ kurrent elettriku ghall-istess “garage” giet sospiza ghal jumejn. Inoltre liz-zewg persuni indikati, hu kien hallas Lm500, minghajr ma kien inghata xi spjegazzjoni dwar ghaliex din is-somma kienet dovuta u ta’ dan il-hlas kien inghata ircevuta.

Illi dwar dan il-kaz xehed l-<u>Ispettur Joseph Mercieca</u> (fol 33 et seq ibid) u dan beda billi jghid illi l-Korporazzjoni konvenuta kienet ghamlet rapport lill-Pulizija tad-distrett, fis-26 ta’ Frar 2001 u dan in konnessjoni ma’ allegat serq ta’ kurrent elettriku fil-“garage” detenut mill-atturi. Dan il-

kaz kien gie investigat mill-Pulizija u kienu ittiehdu proceduri kriminali kontra l-attur, liema proceduri kienu gew terminati billi dan kien gie dikjarat li mhux hati tal-akkuza jew akkuzi. Ix-xhud semma ukoll, illi kien gie infurmat il-Magistrat li kien ghassa fid-data in kwistjoni. Pero, ghal xi raguni ma kienetx giet ordnata li ssir inkjesta.

Illi Silvio Decelis (fol 36 et seq ibid) impjegat irtirat mal-istess Korporazzjoni, xehed illi effettivament l-impjegati tal-Korporazzjoni konvenuta kienu marru sabiex jibdlu l-“meter” in kwistjoni u a basi tal-kopji tar-rapport, li sar mill-istess impjegati in rigward dan il-kaz, hu ddikjara illi l-“meter” in kwistjoni kien instab minnhom bhala li “… <u>qed jahdem u jirregistra (l-) konsum”</u>. Izda kien hemm ukoll indikat illi s-sigilli li kienu antiki u tac-comb ma kienux tajbin u illi kien hemm “… xi brix fil-‘cover’. Minhabba dan, l-impjegati kienu talbu lill-attur is-somma ta’ Lm65. Dwar dan ix-xhud spjega li tali pagament kien jkun dovut f’kaz li jinstab “meter” li hu danneggjat waqt li hu tenna’ li effettivament, l-apparat in kwistjoni kien qed jiffunzjona. Inoltre kien gie stallat, fil-post, “meter” gdid u hu ssottolinea li “… il-konsum ta’ kurrent elettriku baqa’ xorta bhal taht il-“meter” l-antik”. Dwar il-hlas da parti tal-attur, ta’ Lm500, ix-xhud specifika illi “F’dan il-kaz, mid-dehra gara kif ser nghid “Wara li kien gie deciz li ma ssirx inkjesta, “xi hadd” kien ta’ struzzjonijiet sabiex l-attur jhallas din is-somma, ghal xi raguni aktarx minhabba l-prattika (“sistema”) illi l-konsumatur jhallas dan l-ammont bhala “… pre-pagament” f’kaz li dan jinstab hati ta’ serq ta’ kurrent elettriku mill-Qorti. Difatti l-attur kien gie imwissi li jekk din is-somma ma kienetx tithallas minnu “…. Kienu ser jaqtghulu d-dawl kif filfatt gara”. Dwar dan il-hlas, ix-xhud esprima l-opinjoni illi “…s-Sur Mifsud kien qed jaghmilha …. “too hard” biex jaccetta l-pagament ghax ippretenda li ma setax johrog ircevuta”. Illi dwar Tarcisio Mifsud, jigi rilevat illi nghataw u gew koncessi diversi differimenti sabiex jigi prodott Tarcisio Mifsud izda dan ma’ avverax ruhu (ara fol 46 u l-verbali precedenti). Inoltre sallum il-Korporazzjoni konvenuta ma gabet ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnha, liema eccezzjoni hi vaga minghajr ma tispjega r-raguni jew ragunijiet ghaliex l-ammont mitlub ma hux dovut minnha.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher illi :-

a) Ma ingiebet ebda raguni valida fil-ligi sabiex jista', b'xi mod, jigi gusitifikat l-agir tal-persuni impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta meta l-attur intalab sabiex jhallas is-somma in esami.
b) Fuq basi ta' fatt, jidher li l-atturi kienu kostretti li jhallsu din is-somma meta l-istess attur kien gie informat illi kien ser jkun sprovvist minn kurrent elettriku fil-'garage' in kwistjoni fejn kien jesercita s-sengha ta' "panel beating".
c) Dan premess, jidher, ghalhekk illi l-ammont in kwistjoni ma kienx dovut mill-attur lill-Korporazzjoni konvenuta u ghalhekk ghandu jopera l-artikolu 1021 tal-Kodici Civili sabiex jigi evitat arrikkiment ingustifikat da parti tal-Korporazzjoni konvenuta fil-konfront tal-atturi.
d) Ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta. Inoltre ma jistax ma jinghadx illi l-Korporazzjoni konvenuta ingiebet ruhha f'dan il-kaz, b'mod altament ingustifikat u reprovevoli fil-konfront tal-atturi u l-persuni kollha involuti ghandhom jigu mcanfra minhabba l-agir taghhom kif hawn fuq deskritt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm500 bl-imghax legali mid-data tal-protest gudizzjarju msemmi fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali u protest gudizzjarju msemmijin fl-avviz izda minghajr data.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------